MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1609/2001/1

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewwgu f' Awissu 1980, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' D u E, llum maggorenni;

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' adulteru, eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid u

peress li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m' ghadhiex iktar possibbli peress li z-zwieg tkisser irrimedjabilment ; u

Premess illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti permezz ta' digriet numru 1706/99 tal-20 ta' Dicembru 1999 u tixtieq titlob separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada minn sehemu tal-komunjoni tal-akkwisti.

3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja interament favur l-attrici.

4. Tapplika favur l-attrici in kwantu applikabbli ghaliha l-effetti tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali, u cioe' dik bin-numru 83, Cospicua Road, Paola.

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt ta' manteniment.

7. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghaliha.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Filwaqt illi l-konvenut ma jopponix ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejnu u bejn l-attrici, isostni li din ghandha tigi pronunzjata ghaliex iz-

zwieg tkisser irrimedjabilment mhux minhabba tortijiet imputabbli lilu fic-citazzjoni, izda ghat-tortijiet ta’ l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ eccessi, ingurji gravi, sevizzi u theddid, u ghamlet il-hajja taz-zwieg impossibli minhabba l-agir insopportabbli u distruttiv taghha;

2. It-tieni talba ta’ l-attrici hija opposta peress illi m’ hemmx raguni ghala l-konvenut ghandu jiddekadi minn sehemu tal-komunjoni tal-akkwisti;

3. Filwaqt illi l-konvenut jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta, ma jaqbilx illi kollox jigi assenjat lill-attrici ghax wara li l-komunjoni tigi xolta, likwidata u diviza, ghandu jigi assenjat sehem lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti kif ikun xieraq skond il-ligi;

4. Ir-raba’ talba hi opposta billi kienet l-imgieba ta’ l-attrici u mhux tal-konvenut li wassal ghat-tifrik ta’ daz-zwieg bejniethom; ghaldaqstant l-effetti in kwantu huma applikabbli tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu applikati favur il-konvenut;

5. Il-hames talba hi opposta billi l-konvenut ma jaqbilx illi d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attrici izda illi dan il-fond ghandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam wara li jitnaqqsu l-elfejn lira Maltin (Lm2000) li r-ragel kien inghata mill-familja tieghu wara z-zwieg biex inkun jista’ jixtri l-ewwel dar matrimonjali;

6. Is-sitt talba hija infondata u bla bazi billi l-attrici ghandha l-mezzi u kapaci tipprovdi ghall-manteniment taghha u fil-fatt hija ilha taghmel dan ghal dawn l-ahhar ghaxar snin;

7. Is-seba’ talba hija opposta ghall-istess ragunijiet gia msemmija fis-sitt eccezzjoni.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant, li tinsab a fols.26 u 27 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata, li tinsab a fol.32 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapporti tal-periti gudizzjarji, l-Avukat Dottoressa Ramona Frendo u l-Arkitett Mario Cassar, minnhom debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 unikament imputabbli lilu; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jitlob is-separazzjoni personali ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici, kontemplati fl-artikolu 40 fuq imsemmi.

**Separazzjoni Personali**

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Awissu 1980 meta allura l-attrici kellha 28 sena u l-konvenut kellu 21 sena. Wara konvivenza ta' kwazi 20 sena l-partijiet isseparaw de facto, billi l-konvenut ghal habta ta' Dicembru 1999 telaq mid-dar konjugali u mar jghix band' ohra. Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt-it tfal illum maggjorenni. Fil-prezent, l-attrici qeda tghix fid-dar konjugali ma' uliedha, filwaqt li l-konvenut qed jghix mal-habiba tieghu jdentifikata bhala 'AB'.

Jirrizulta li kienu l-familjari tal-konvenut li kienu laqqghuh ma' l-attrici, mara riservata u li ftit li xejn kienet tohrog, izda kienet toqghod id-dar tiehu hsieb hutha. Il-konvenut minn naha tieghu huwa disabilitat bil-polio, li per konsegwenza rriskontra diversi difikultajiet fil-hajja tieghu.

Jidher li ma’ l-ewwel laqa’ il-partijiet accettaw lil xuxlin, u meta omm il-konvenut gibdet l-attenzjoni ta’ l-attrici ghad-dizabilita fisika ta’ binha dina rrispondiet li li “ma kellhiex ghalfejn [tghid lil ommha] u li hija ragel b’ disabilita’ riedet biex zgur ma jigrilhiex bhal mama taghha li kellha disat-it tfal u r-ragel telaqha u ma giex aktar.”[1]

Minn naha tieghu l-konvenut jghid[2] li huwa kien kuntent bl-attrici peress li kienet tfajla sabiha u kien jiehu gost jidher maghha fil-pubbliku ghax kien jidher bhal l-ohrajn; izda jghid li “pero’ kont niddejjaq naghmel sieghat twal maghha, b’ mod specjali wara li kien ikollna x’ naqsmu flimkien”. Huwa jghid ukoll li “L-imhabba ma kienditx tidhol [fiz-zwieg]. Li nizzewweg ghalija kien biss mezz ta’ support u li jkolli persuna normali li maghha stajt ikolli relazzjoni sesswali…. Ma kelliex idea xi jfisser zwieg. F’ mohhi ma kellix l-idea li jiena kont diehel ghall-irbit ta’ fedelta’ ma’ mara wahda.”

Din id-disposizzjoni mentali tal-partijiet meta dawna accettaw li jkomplu r-relazzjoni taghhom u jizzewwgu, tispjega l-komportament taghhom matul il-konvivenza matrimonjali. In sostanza l-attrici takkuza lill-konvenut b’ xehha fil-konfront taghha u ta’ uliedha, nuqqas ta’ ko-operazzjoni tieghu fit-trobbija tat-tfal u bruda sesswali fil-konfront taghha li bdiet ghal habta tas-sena 1998. Hija takkuza lill-konvenut b’ infedelta’ matul il-konvivenza matrimonjali, kemm ghal habta tas-sena 1995 ma’ tfajla li kienet tahdem mieghu jdentifikata b’ isimha ‘CD’ kif ukoll ghal habta tas-sena 1998 ma’ ‘AB’ li maghha ghadu jghix.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi lill-attrici komportament abusiv fil-konfront tieghu konsistenti fi tmaqdir u tgergir kontinwu u ghajjat, anke quddiem uliedhu u anke quddiem il-familjari tieghu. Hija kienet ossessjonata mis-suspetti hziena fuq relazzjonijiet sesswali, kemm da parti tal-konvenut kif ukoll da parti ta’ nies li kienu jahdmu qrib mieghu. Hija kienet tisparla fuq zewgha man-nies u anke takkuzah b’ relazzjonijiet extra

[1] Aff. Tessie B fol.63 *et seq.*
[2] Aff. fols.44 *et seq.*

matrimonjali. Kienet ukoll tissuspetta hazin fin-nies u kienet tasal sa tal-punt li taghmel telefonati anonimi. Eventwalment il-konvenut jghid li ma setghax jissaporti aktar dan il-komportament taghha, u ghalhekk kien telaq mid-dar konjugali u mar jghix f’ post iehor, u wara ftit marret tghix mieghu l-habiba tieghu.

Inoltre, il-konvenut jghid li l-attrici ma kellhix idea tal-valur tal-flus u, ghalkemm inizjalment huwa kien jghatiha l-paga kollha, dina kienet tosfor, liema fatt kien sors iehor ta’ dizgwid bejn il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ma hemmx dubju li l-attrici ghandha karattru difficli hafna, u mill-bidu taz-zwieg kienet tmaqdar lill-konvenut. Missier il-konvenut jghid “A kienet dejjem tghidilna kontra C; jaghmel x’ jaghmel xejn ma kien joghobha.”[3] Hija kienet tghir hafna ghall-konvenut u sahansitra kienet tohodha wkoll kontra l-mara ta’ huh li kienet tabita fl-istess dar tal-genituri tieghu. Dan il-fatt immanifesta ruhhu l-aktar fil-bidu tal-hajja konjugali meta l-partijiet kienu joqghodu mal-genituri tal-konvenut peress li ma kellhomx post fejn joqghodu; izda l-atteggjament ta’ l-attrici tant aggrava fil-konfront tal-membri tal-familja tieghu, li eventwalment l-istess genituri tieghu sabulhom post fejn joqghodu. Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet ossessjonata bis-suspetti taghha li l-konvenut kien qed ikun infidil lejha, u lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali kienet issemmi dawn il-hsibijiet taghha apertament anke ma’ terzi persuni.

In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm dawn is-suspetti ta’ l-attrici inizjalment setghu kienu nfondata, ghax ma kienux sostnuti minn provi, eventwalmennt mis-sena 1995 rrizultaw li kienu fondati, ghax il-provi mhux kontradetti juru li l-konvenut kellu ntimita’ ma’ ‘CD’ u fis-sena 1998 beda r-relazzjoni ma’ ‘AB’ Mill-band’ l-ohra pero’ it-tmaqdir u t-tgergir ta’ l-attrici fil-konfront tal-konvenut zewgha mill-bidu taz-zwieg u fuq tul taz-zmien jikkostitwixxu sevizzi li kkontribwew sabiex jirrendu l-konvivenza matrimonjali difficili hafna.

---

[3] Aff. fols.61 *et seq.*

Izda din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, hija tal-fehma li l-vera kawza tas-separazzjoni bejn il-partijiet u li kawza taghha z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment, kienet l-infedelta' da parti tal-konvenut, li eventwalment harget fil-berah meta dana telaq mid-dar konjugali fis-17 ta' Dicembru 1999 u mar jghix go post mikri minnu, flimkien mal-habiba tieghu. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa jghid li din ir-relazzjoni ma' 'AB' bdiet f' Settembru tas-sena 1999 u mhux qabel, wara li l-partijiet kienu avvicinaw l-Avukat sabiex jaghmlu separazzjoni konsenswali, huwa naqas li jissostanzja dan il-fatt allegat minnu, bhal per ezempju, jipproduci bhala xhud lill-istess habiba tieghu.

Inoltre, dan il-fatt taz-zmien jinsab kontraddett mix-xhieda ta' l-attrici fejn qalet li: "madwar hames [5] snin ilu, zewgi donnu bired fil-konfront tieghi, u ma baqax irid ikollu x' jaqsam mieghi. Meta kont navvicinah fuq hekk, kien jirrifjutani, u meta kont nistaqsih kienx qed imur ma haddiehor, kien jghidli 'iva'..... fil-fatt tul dawn l-ahhar hames snin zewgi nbidel hafna."[4]

Inoltre, dak li allegat Frances Vassallo[5], oht l-attrici, u konfermat minnha fil-kontro ezami, u cioe' li ghal habta tas-sena 1995 hija kienet issorprendiet lill-konvenut hiereg minn kamra tas-sodda bil-qmis nofsa gewwa u nofsa barra, f' cirkostanzi suspettuzi, u wara ftit rat lil 'CD' hierga mill-istess kamra tirranga xagharha u hwejjigha; dan il-fatt, li ma giex kontradett mill-konvenut, jaghti grad ta' konfort lit-tesi attrici li l-infedelta' da parti tal-konvenut kienet bdiet matul il-konvivenza matrimonjali ferm qabel is-separazzjoni de facto. Dan il-fatt, anke jekk ma jwassalx ghall-prova ta' l-adulterju, fil-fehma tal-Qorti jwassal ghall-ingurja gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

Jigi osservat li din l-infedelta' tal-konvenut, mhi sorprendenti xejn ghax il-konvenut stess fl-affidavit tieghu kien qal li meta zzewweg "f' mohhi ma kellix l-idea li jiena kont diehel ghall-irbit ta' fedelta' ma' mara wahda."

---

[4] L-affidavit sar filt-13 ta' Jannar 2003 – sottolinear tal-Qorti.
[5] Fols.98 u

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-karattru difficli ta' l-attrici kkontribwixxa ghal firda, dan il-karattru kien manifest sa minn qabel iz-zwieg[6], u ghalhekk il-konvenut zgur li kien konxju li dik li kienet ser tkun martu kellha karattru difficli. Ma dan kollu huwa xorta accetta li jizzewwigha, kellu zewgt-it tfal minnha, u dan tul konvivenza ta' kwazi 20 sena; u kien proprju meta l-konvenut kellu relazzjoni ma' AB u ried jissoda din ir-relazzjoni li f' Settembru 1999 ha d-decizjoni li jissepara, bil-konsegwenza li hu u martu marru ghand Avukat sabiex jaghmlu separazzjoni konsenswali. Meta din ma rnexxietx, huwa qabad u abbanduna d-dar konjugali fis-17 ta Dicembru 1999 u sab post alternattiv fejn mar jghix flimkien mal-habiba tieghu.

Tosserva ulterjorment li l-fatti provati, interpretati b' mod logiku, fuq substrat ta' doza qawwija ta' verosimiljanza, jwasslu ghall-konkluzjoni fuq imsemmija li r-raguni principali tal-firda kienet ir-relazzjoni extra matrimonjali tal-konvenut mal-habiba tieghu, u d-decizjoni tieghu li jkompli jissoda din r-relazzjoni tieghu maghha bi stat ta' konkubinagg, u dan a skapitu tal-konvivenza matrimonjali. Ghaldaqstant il-Qorti tikkunsidera li d-data tas-separazzjoni ghandha tkun is-17 ta' Dicembru 1999 meta l-konvenut holoq stat ta' separazzjoni de facto minn ma' martu ghall-imsemmi skop.

Illi rigward l-imputazzjoni attrici li l-konvenut kien xhih maghha, il-Qorti tosserva li dan l-allegat fatt ma jirrizultax sodisfacentement sostnut; kif ma jirrizultax li hu kien ihalli lil martu u lill-uliedu nieqsin. Il-fatt li l-partijiet kien ikollhom dizgwid fuq flus, ma jfissirx necessarjament li l-konvenut kien xhih mal-familja tieghu b' tal-mod li kien ihallihom nieqsin mill-bzonnijiet u kumditajiet necessarji.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment fis-17 ta' Dicembru 1999 meta l-konvenut abbanduna d-dar konjugali u mar joqghod band' ohra ghar-rasu, flimkien mal-habiba tieghu 'AB'; u li l-kawza principali tal-firda hija

[6] Vide affidavit Tessie B paras 7 sa 12

l-infedelta' tieghu matul il-konvivenza matrimonjali, u r-relazzjoni adultera tieghu mal-habiba tieghu li sallum ghadu jghix maghha; u mhux il-karattru difficli u l-komportament insidjuz ta' martu li jirrisali ghal bidu taz-zwieg, li pero' kkontribwixxa ghas-separazzjoni.

Ghaldaqstant, il-htija tas-separazzjoni hija principalment attribwibbli ghall-ingurja gravi u adulterju da parti tal-konvenut, u sekondarjament hija attribwibbli ghall-sevizzi da parti ta' l-attrici fil-konfront ta' l-istess konvenut. L-adulterju jattira l-applikazzjoni mandatorja ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16. Minn naha l-ohra, il-Qorti thoss li s-sevizzi kommessi mill-attrici fir-rigward ta' zewgha m' ghandhomx jimportaw id-dekadenza fil-konfront taghha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta li din tikkonsisti, fi proprjeta' immobiljari li sservi bhala d-dar konjugali, mobbli, vetturi, depoziti bankarji u krediti kif dettaljatment elenkat mill-perit legali fir-rapport taghha that is-sezzjoni "L-Aspett Patrimonjali" fil-paragrafi minn numru 67 san-numru 86.[7]

[1] *Proprjeta' immobiljari* – Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, u mal-konkluzjoni li mill-provi jirrizulta li l-uniku assi mmobiljari tal-partijiet formanti parti mill-komunjoni hija d-dar konjugali gewwa 83 Cospicua Road Paola valutata mill-perit arkitett fl-ammont ta' Lm85,000, li kienet inxtrat matul iz-zwieg

Fil-prezent f' din id-dar toqghod l-attrici, li llum ghandha 56 sena, flimkien ma' uliedha maggjorenni, filwaqt li l-konvenut kien abbanduna din id-dar meta mar jghix band' ohra mal-habiba tieghu. In propositu l-Qorti thoss gust li, tenut kont tal-fatt li l-htija principali ghall-firda hija r-relazzjoni adulteruza tal-konvenut ma' AB u li ghadha ezistenti, kif ukoll tenut kont li din ir-raguni ghal firda hija l-izjed wahda gravi li konjugi jista' jikkommetti fil-konfront tal-konjugi l-iehor, kif ukoll tenut kont tal-fatt li mis-17 ta' Dicembru 1999, u cioe' minn meta l-konvenut abbanduna

[7] Fol.s 391 sa 406

d-dar konjugali biex jghix fi stat ta' konkubinagg mal-habiba tieghu, huwa rnexxielu jsib akkomodazzjoni alternattiva; huwa gust li jigi applikat l-artikolu 55A u tawtorizza lill-attrici tkompli tabita fid-dar konjugali, ad eskluzzjoni tal-konvenut, vita natural durante jew sakemm din tiddecidi li tmur tghix band' ohra; filwaqt li sa dan iz-zmien il-propjeta' tal-fond tibqa' in komuni bejn il-partijiet. L-ispejjez ta' manutenzjoni ordinarja fil-post ghandhom jigu sopportati mill-attrici, filwaqt li dawk ta' natura straordinarja ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali.

Illi rigward il-krediti pretizi mill-partijiet in konnessjoni ma' dan il-fond, u cioe' ta' Lm4,500 da parti tal-konvenut u Lm150 da parti ta' l-attrici, il-Qorti tosserva li dawn ma jirrizultawx sodisfacentement provati.  Inoltre, dak tal-konvenut jidher li, semmai, hu kreditu tal-genituri tieghu u mhux tieghu.

Illi rigward il-fond "Seven Heaven" Triq Taltas, Zejtun fejn fil-prezent qed jabita l-konvenut mal-habiba tieghu, il-Qorti tikkondividi pienament il-konkluzjoni tal-perit legali kontenuta fil-paragrafu 72[8] fis-sens li ma jirrizultawx provi dokumentali li jissufragaw it-tesi attrici; u ghalhekk dan il-fond ma jistax jitqies bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

[2] *Vetturi* -  F' dan ir-rigward ukoll il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li "l-vetturi kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, ghandhom jigu mibjugha bis-subbasta u r-rikavat diviz ugwalment bejn il-partijiet."[9] – sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor.

Illi taqbel ukoll mal-konkluzjoni kontenuta fil-paragrafu 74 fis-sens li l-attrici ghandha kreditu ta' elf u hamsa u sebghin lira Maltin [Lm1,075] rapprezentanti s-sehem taghha mis-somma percepita mill-konvenut fl-24 ta' Mejju 2000 mis-socjeta'  Untours Insurance Agency u li zamm

8 Fol.393
9 Fol.394 – para.73

kollha ghalih. Ghalhekk il-konvenut huwa ordnat li jihallas lill-attrici din is-somma ta' Lm1,075.[10]

[3] *Mobbli* – Illi in propositu jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-mod kif il-perit legali abilment qasmet il-mobbli f' zewg porzjonijiet A u B, u assenjat il-porzjon A lill-konvenut u l-porzjoni B lill-attrici. Il-Qorti taddotta fl-intier tieghu din il-parti tar-rapport u cioe' mill-paragrafi 85 sa 86.[11] u l-assenjazzjoni ssir kif hemm indikat – sakemm il-partijiet ma jifthemux in propositu mod iehor.

[4] *Depoziti bankarji* - Illi in propositu l-Qorti taghamel referenza ghall-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport taghha fis-sezzjoni "Kontijiet Bankarji"[12] u taddottahom, salv dak li ser jinghad fir-rigward tal-kont Term deposit numru 10701681022 mal-Bank of Valletta li fil-31 ta' Dicembru 2002 kien fih bilanc ta' Lm2,443.04.

Illi dwar dan il-kont il-perit legali osservat li dan il-kont, li hu f' isem il-konvenut, u mill-provi dokumentali jirrisali ghal fuq mis-sena 1991, kien baqa' statiku hlief ghall-fatt li mieghu kienu jizdiedu kull sena l-interessi. Hija tghid li "kwindi dan jappartjeni ugwalment, kwantu ghal nofs kull wiehed, liz-zewg partijiet fl-ammont ta' Lm1,221.52 kull wiehed."[13]

Illi fin-nota tieghu l-konvenut joggezzjoni ghal din il-konkluzjoni fuq l-affermazzjoni tieghu li dan il-kont kien jirrapprezenta flus moghtija lilu mill-genituri tieghu. Di fatti fl-affidavit tieghu missieru jghid li "jiena kont ukoll ftaht kont bankarju f isem it-tifel bil-kondizzjoni li l-flus ma jitmissux qabel il-mewt tieghi. Naf li sas-[sena] 1997 dan il-kont kien tela' ghal elf disa mija u lira [Lm1,1901]"[14] Omm il-konvenut tghid li "Naf ukoll illi zewgi kien fetah kont bankarju f' isem it-tifel u kien iqieghdlu flus fih."[15]

---

[10] Fol.394
[11] Fols. 404 sa 406
[12] Fols.395 sa 403
[13] Fol.395
[14] Fol.326.
[15] Fol.338

In propositu l-Qorti thoss li, fic-cirkostanzi, it-tesi tal-konvenut f' dan ir-rigward tinsab sodisfacentement provata, kemm bix-xhieda tal-krituri tieghu, kif ukoll bil-fatt li l-kont kien baqa' statiku kif stqarr missieru. Ghaldaqstant, nonostante l-mankanza ta' provi dokumentali li direttament juru li l-flus kienu self jew donazzjoni tal-krituri tieghu, hemm provi ndirett li jwasslu ghall-prova sodisfacenti fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitajiet. Ghalhekk il-Qorti, ma tikkondividix din il-parti tal-konkluzjonijiet tal-perit legali, u hija tal-fehma li dan il-kont, u allura s-somma ta' Lm2,443.04 ghandha tigi kkunsidrata bhala parafernali tal-konvenut.

Ghaldaqstant il-bilanc dovut mill-konvenut lill-attrici, in linea ta' ekwiparazzjoni mhuwiex ta' Lm2,282.28 kif indikat mill-perit legali fil-paragrafu 82, izda huwa ta' elf u sittin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu [Lm1,060.76]…………

Illi ma din is-somma ghandha tizdied is-somma ta' Lm…………. Nofs l-ispejjez inkorsi mill-attrici meta kienet kostretta li tirranga l-hajt kif indikat fid-dokumenti annessi man-nota prezentata mill-attrici fil……………………….. ghalhekk b' kollox il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attiri s-somma komplessiva ta' Lm……………….[Lm1,060.76 + + Lm1,075]

In fine jigi rilevat li, ghalkemm il-perit legali hadet id-data ta' 1 ta' Ottubru 1999 bhala dik tas-separazzjoni de facto tal-partijiet, filwaqt li l-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li d-data kienet 17 ta' Dicembru 1999, din id-diskrepanza m' ghandhiex tiddisturba l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward tal-kontijiet bankarji, stante li mill-provi jirrizulta li l-inkass tal-flus in effetti sar bejn dawn iz-zewg dati meta r-rottura tal-konvivenza matrimonjali kienet qed issir manifesta.

**Manteniment**

Illi kif osservat mill-perit legali skond l-ahhar dokumentazzjoni prezentata mill-konvenut [FS3 tas-sena 2002] jirrizulta li dana f' dik is-sena ppercepixxa introjtu nett ta' Lm6,266 li ma jirrizultax li maz-zmien naqas, anzi

l-probabilita' kbira hi li sallum gie awmentat. Minn naha l-ohra, l-opportunitajiet ta' xoghol ta' l-attrici li ma tahdimx u li llum ghandha 56 sena, tenut kont tal-livell baxx ta' edukazzjoni skolastika taghha, huma skarsi hafna, u ghalhekk il-bzonn taghha li jkollha manteniment kemm jista' jkun adegwat. Pero' il-Qorti ma tistax tinjora li l-fatt li l-attrici ser tibqa' tghix fil-fond komuni taghhom ad eskluzjoni tal-konvenut, huwa ta' beneficju finanzjarju relevanti ghaliha, u ta' piz konsegwenzjali ghall-konvenut li jkollu jibqa' jghix go fond alternattiv bl-ispejjez li dan jkun involvi.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti, wara li ezaminat il-konsiderazzjonijiet in propositu maghmula mill-perit legali fil-paragrafi 88 u 89 tal-process, u wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet in propositu, hija tal-fehma li r-retta alimentarja ta' mija u hamsin lira Maltin [Lm150] fix-xahar pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghaliha hija ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont ukoll tal-fatt li [1] l-attrici qed tigi awtorizzata tibqa' tghix fid-dar konjugali ad eskluzzjoni tal-konvenut u [2] li hi kkontribwiet sa certu grad ghall-firda.

L-imsemmi manteniment ta' Lm150 fix-xahar ghandu jigi rivedut kull sentejn skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja. Inoltre, ghandu jidi dedott direttament mill-paga tal-konvenut u jintbaghat lill-attrici direttament fid-dar residenzjali taghha. Inoltre, dan i

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talbiet ta' l-attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet principalment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, filwaqt li l-attrici kkontribwiet ghal firda;

[2] tichad it-tieni talba, stante li ma jezistux ir-rekwiziti rikjesti fl-artikolu 48[1][c] Kap.255 ghall-applikazzjoni ta' l-istess;

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u tordna li ssir l-assenjazzjoni

fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;

[4] tilqa’ ir-raba talba limitatament billi tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.255;

[5] tilqa’ il-hames talba, kif deciz fis-sezzjoni “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”, u b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 55A tal-kap.16 tawtorizza lill-attrici tkompli tabita fil-fond 83 Cospicua Road, Paola, ad eskluzzjoni tal-konvenut, vita natural durante jew sakemm din tiddecidi li tmur tghix band’ ohra; filwaqt li sa dan iz-zmien il-propjeta’ tal-fond tibqa’ in komuni bejn il-partijiet; sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor;

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba, stante li hija superfluwa in vista dak mitlub u deciz fir-raba talba;

[7] tilqa’ s-seba talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”.

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet principalment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, filwaqt li l-attrici kkontribwiet ghal firda;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tilqa’ it-tielet, ir-raba u l-hames talba fis-sens fuq deciz;

[4] tichad is-sitt talba;

L-ispejjez kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro talba ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal erba minn hamsa [4/5] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti kwint [1/5] ghandu jigi sopportat mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------